MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 11/2013

**Illum l-27 ta' Gunju, 2014.**

**Rikors Numru 11/2013 SM**

**Maurice Galea (ID 65635 M)**

**vs**

**MaryGrace Galea**

**Suor Eletta fis-seklu Provvidenza Galea**

**Suor Loreta fis-seklu Dolores Galea**

**Stefan Balzan**

**Gabriella Vella**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-9 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu, ir-rikorrenti sintetikament talab, li ghar-ragunijiet minnhu hemm premessi, din il-qorti:

1.1 Tordna il-bejgh tas-sehem indiviz ta' l-eredi injoti ta' Filomena Cutajar rigwardanti id-disgha minn tletin, (9/30), parti indiviza mill-fond 1 u 2, Triq Hal-Luqa, Rahal Gdid, bil-kantina, liberu u frank u minghajr l-arja tieghu, sottopost ghall-beni ta' terzi fil-pussess ta' Josephine Sciriha, Victor Sciriha, Dr Michael Sciriha, Dr Noella Sciriha, skont konvenju tal-4 ta' Lulju, 2011;

1.2 Tinnomina kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-eredi injoti fuq riferiti rigwardanti s-sest indiviz mill-fond fuq ukoll indikat, u sottopost ghall-beni ta' terzi, u biex jiffirmaw ghan-nom ta' l-eredi injoti riferiti;

1.3 Tinnomina lill-istess kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-intimati fuq l-att ta' trasferiment skont il-konvenju fuq indikat, u biex jiffirmaw ghan-nom tal-istess eredi id-dikjarazzjoni *causa mortis* rigwardanti is-sehem indiviz taghhom li gej mill-eredita` ta' ommhom u ta' nanniethom mejta, fil-kaz li ma jersqux ghal publikazzjoni ta' l-att finali relativ;

1.4 Tordna lir-Registratur tal-Qorti biex jippubblika kopja tar-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali ta' kuljum;

1.5 Tappunta jum, hin u lok ghal pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratti pubblici, ossija d-dikjarazzjoni *causa mortis* u t-trasferiment tal-propjeta` in dizamina;

1.6 Tinnomina lin-Nutar Dottor Pierre Cassar biex jippubblika d-dikjarazzjoni *causa mortis* u t-trasferiment *de* quo, *ai termini* tal-konvenju fuq gia` indikat;

1.7 Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata ta' Mary Grace Galea, Suor Eletta, u Suor Loreta, datata t-28 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha wiegbu sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti qed jigu ikkontestati stante li infondati;

2.2. Illi r-rikorrenti jrid jipprova li ghandu l-akbar ghadd t'ishma fuq il-fond in dizamina;

2.3. Illi l-kundizzjonijiet inkluzi fil-konvenju in dizamina huma ta' pregudizzju ghall-intimati;

2.4. Illi saru jafu bil-konvenju *de quo* wara li kienu notifikati bil-procedura odjerna;

2.5. Illi wara l-imsemmi konvenju sehhew ukoll zviluppi ohra li hallew effett negattiv fuq il-valur tal-fond *de quo*;

2.6. Illi l-konvenju ma jirriflettix il-verita` tal-fatti;

3. Rat ir-risposta guramentata ta’ Stefan Balzan datata s-26 ta’ Marzu, 2013, li essenzjalment tirrifletti dik precedentement indikata;

4.0. Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati datata l-5 t’April, 2013, li permezz taghha iddikjaraw:

4.1. Illi m’humiex edotti mill-fatti;

4.2. Illi jirrezervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta jottjenu aktar informazzjoni;

5. Rat ir-rikors tal-intimata Gabriella Vella datat il-15 t’April, 2013, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati talbet li tipprezenta risposta guramentata ghar-rikors promotur;

6. Rat id-digriet taghha datat iz-17 t’April, 2013, li permezz tieghu laqghet it-talba indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 80 u 81);

7. Tirrileva li l-perjodu koncess lill-intimata Vella ghar-risposta taghha kif mitluba ghadda inutilment u li allura issa tinsab fi stat ta’ kontumacja;

8. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta’ Gunju, 2013, li permezz tieghu hatret perit arkitett biex jivvaluta l-fond meritu tal-procedura, u dan, fuq talba tal-istess rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 85);

9. Ezaminat ir-relazzjoni peritali ipprezentata in atti;

10.0. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentati legali tal-partijiet datat il-5 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu issa qabblu fuq is-segwenti (ara foll 112):

10.1. Illi l-valur tal-fond meritu ta' din il-procedura fuq riferit hu dak stabbilit mill-perit arkitett nominata minn din il-qorti ghal dan il-ghan, senjatament dak ta' tmienja u hamsin elf Ewro, (€58,000.00);

10.2. Illi l-partijiet jaqblu wkoll li l-bejgh isir a bazi tal-konvenju fuq gia` riferit datat l-4 ta' Lulju, 2011, (ara foll 6);

10.3. Illi l-ispejjez jigu decizi mill-qorti odjerna;

11. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

12. Illi in effetti, in vista tal-verbal fuq riferit datat il-5 ta'Gunju, 2014, il-meritu ta' din il-procedura verament gie ampjament superat stante l-qbil espress mill-kontendenti fuq il-valur tal-fond meritu ta' din il-procedura, liema valur gie issa kristallizzat bil-verbal fuq riferit fl-ammont ta' tmienja u hamsin elf Ewro, (€58,000.00), (ara paragrafu numru ghaxra punt wiehed, (10.1.), aktar qabel;

**DECIDE:**

13. Illi in vista tal-verbal kongunt tal-abbli rapprezentanti tal-partijiet fuq riferit, din il-qorti:

13.1. Tordna l-bejgh tas-sehem indiviz ta' l-intimati u ta' l-eredi injoti ta' Filomena Cutajar rigwardanti id-disgha minn tletin, (9/30), parti indiviza mill-fond meritu ta' din il-procedura fuq ampjament gia` indikat skont il-konvenju datat l-4 ta' Lulju, 2011;

13.2. Tinnomina zewg (2) kuraturi deputati li jkun imisshom skont it-turn biex jirrapprezentaw lill-eredi injoti fuq ukoll gia` riferiti, rigwardanti s-sest indiviz mill-fond *de quo*;

13.3. Tinnomina lill-istess zewg (2) kuraturi deputati biex jirrapprezentaw ukoll lill-intimati fuq l-att tat-trasferiment finali u biex jiffirmaw ghan-nom tal-istess eredi d-dikjarazzjoni *causa mortis* re is-sehem indiviz taghhom li gej mill-eredita` ta' ommhom u ta' nanniethom mejta, fil-kaz li ma jersqux ghal pubblikazzjoni ta' l-att finali relattiv;

13.4. Tordna lir-Rigistratur tal-Qorti biex jippubblika kopja tar-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali ta' kuljum;

13.5. Tordna li l-pubblikazzjoni tal-istess kuntratti pubblici jsiru fi zmien tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza fuq indikata;

13.6. Tinnomina ghal dan il-ghan lin-Nutar Dottor Pierre Cassar biex jippubblika id-dikjarazzjoni *causa mortis* u t-trasferiment *de quo ai termini* kif indikati fil-konvenju datat l-4 ta' Lulju, 2011, fuq riferit;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi rigward il-kap tal-ispejjez ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

14.1. Illi l-intimati ma kienux jafu bl-eredita` in dizamina u indunaw biss wara li gew notifikati bil-procedura odjerna;

14.2. Illi *di piu`*, wara li l-valur tal-fond *de quo* gie stabbilit b'mod li jirrizulta *super partes* mill-perit arkitett nominata mill-qorti odjerna, huma xoljew kwalunkwe rizerva li seta` kellhom fir-rigward tal-konkluzjoni tal-kompravendita in dizamina;

14.3. Illi ghalhekk bl-agir taghhom fir-rigward, jirrizulta li dawn agixxew in l-*buona fede* tant apprezzata minn din il-qorti;

14.4. Illi ghaldaqstant, l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom ikunu sapportati fil-porzjonijiet segwenti:

14.4.1. Tlett kwarti, (3/4), ghar-rikorrenti;

14.4.2. Kwart, (1/4), ghall-intimati bejniethom f'porzjonijiet ugwali.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------